# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | DIĊEMBRU 1941

## DUN KARM

### L-AKBAR POETA NAZZJONALI TAGĦNA

Sebgħin sena! Għomor sabiħ! U isbaħ jidher jekk mal-għadd tas-snin tissieħeb ħedma twila daqsu, ħedma mnebbħa minn ħsieb għoli, mirfuda minn twemmin qawwi, imdawla minn idijal qaddis. Għax il-ħajja hija ħedma; u l-bniedem, maħluq minn Alla u mqiegħed qalb oħrajn bħalu, għandu, jekk irid igħix ħajtu tajjeb, jaħdem għal Alla u għal għajru.

Dawn il-kelmiet jiġbru fihom il-ħajja ta' Dun Karm li fit-18 ta' Ottubru li għadda għalaq 70 sena. Dun Karm ħabb lil Alla u ħabb lil għajru. Alla u Malta huma ż-żewġt idwal li għal 70 sena mexxew il-passi ta' Dun Karm; huma żewġ ħoloq, waħda ġo l-oħra, li ġo fihom jagħalqu l-ħedma ta' ħajtu kollha. Mhux tifħir fieragħ dan, imma l-kelma li toħroġ mill-qalb ta' kotra żgħażagħ u kbar li darba jew oħra ħassew fihom kemm tiswa l-ħedma tiegħu, sewwa jekk parir fuq kitba letterarja, sewwa jekk kienet biss tbissima jew kelma ħelwa minn fommu għasli. U għalhekk aħna li ħassejna aktar mill-qrib il-qawwa tal-ħedma tiegħu ngħaqadna madwaru biex nifirħulu u nixtequlu bil-qawwa kollha ta' qalbna għomor itwal għall-ġieħ ta' Alla u għall-ġid ta' Malta.

Dun Karm qassis u poeta, ħaddiem fil-qasam ta' Alla u ħaddiem fil-qasam tal-letteratura. Aħna hawn

inqisuh biss bħala kittieb għalkemm il-kitba tiegħu bilkemm tista' tifridha mill-ħedma tiegħu ta' qassis. Bħala kittieb Dun Karm hu poeta, poeta kbir, l-akbar poeta Malti. Twieled poeta; f'żgħużitu kiteb ġmiel ta' versi bit-Taljan imfaħħrin saħansitra minn Taljani; fi rġulitu, mis-sena 1912 sal-lum, kiteb bil-Malti biss. Fuq il-ġmiel letterarju tal poeżija ta' Dun Karm inħallu li jitkellem ħaddieħor. Hawn ngħidu biss li Dun Karm bil-poeżija tiegħu għolla l-lsien Malti mhux biss f'għajnejn il-barranin li qraw maqlubin fi lsien ieħor ħafna mill-poeżijiet tiegħu, imma f'għajnejn l-egħdewwa wkoll li stagħġbu u tbikkmu meta raw li bil-Malti tista' tinkiteb poeżija bħalma hi "Il-Jien u lilhinn Minnu." Dun Karm għolla ġieħ il-Malti, u bis-saħħa tiegħu l-għanja Maltija nstemgħet tidwi f'bosta pajjiżi. Barra mill-poeżija li kiteb, Dun Karm ġibed u mexxa warajh fit-triq tal-poeżija kotra ta' żgħażagħ li, msaħħrin mill-ġmiel tal-għanja tiegħu, tħajru jgħannu huma wkoll it-tfawwir ta' qalbhom żagħżugħa. U hu, l-Poeta, l-Imgħallem, il-Ħabib, il-Missier, b'sabar u b'imħabba tal-għaġeb, iwieżen lil dawk iż-żgħażagħ fl-ewwel tiġrib tal-għana, jagħmlilhom il-qalb, iħajjarhom u dejjem bi tbissima fuq xufftejh u l-hena jiddi f'għajnejh. Ħadem għall-Malti Dun Karm u l-ħedma tiegħu ma sfatx fix-xejn.

Bħala kittieb ta' proża, Dun Karm ma għandux post għalih. Ma kitebx wisq, u l-ftit li kiteb tħoss fih dik ix-xejra ta' poeżija li toħroġ weħidha minn qalb il-kittieb. Il-proża ta' Dun Karm, għal dak li huma ħsebijiet u xbihat, aktar joqogħdilha l-isem ta' poeżija. Ara fost l-oħrajn il-"Leġġenda ta' *I Sepolcri*".

Dun Karm, bħal kittieba oħra tal-Malti, kellu l-egħdewwa tiegħu, u għax kien kittieb kbir, l-egħdewwa kienu kbar u ħorox. Riedu jħabblu l-ħedma tiegħu ma' fehmiet li fihom ma kienx imdaħħal; riedu jitfgħu għajb

fuq ismu; imma Hu żamm dejjem sħiħ. Fehmitu kienet safja, ma kellux u la mniex jistħi u lanqas mniex jibża'. Għalkemm qalbu, li dejjem ħabbet, weġġgħet, hu ħafer l-egħdewwa, baqa' miexi fit-triq li kien fiha, u t-tajn li tefgħulu tar lura minn fuqu u ħammeġ lil min tefagħhulu. Qalb ta' min iħobb 'l Alla u 'l għajru.

P. P. Saydon